Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

Data tal-laqgħa: 18 ta` Ġunju 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fit-8.30 ta` filgħodu.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fid-8.40am)
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

50.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 49

50.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-Disgħa u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

F`dan il-ħin (8.40am) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.

## 50.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

50.3.1 Para 49.11.4 – *Traffic calming measures* fi Triq il-Qarċilla
Il-Kunsillier Joe Galea ltaqa` mar-residenta fuq il-post biex tispjega aħjar it-talba tagħha. Reġgħet ġiet diskussa din il-kwistjoni u ġie deċiż li napplikaw ma` Transport Malta għal permess biex issir *Slow*

50.3.2 Para 49.11.6 – Sqaq Nru.1 fi Triq il-Providenza
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-avukata kkonfermat li l-isqaq imsemmi huwa skedat u għalhekk huwa pubbliku. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma` Transport Malta għal permess biex jitwaħħlu żewġ (2) *bollards* (mis-suwed) biex ninpedixxu vetturi milli jipparkjaw fl-isqaq.

50.3.3 Para 49.11.9 – *National Car Sharing Project*
Is-SE infurmat lill-Kunsill fis-sit il-ġdid f`Wesgħa Profs. Ġuże` Aquilina li ġie ssuġġerit mill-Kunsill stess ma tistax tiġi nstallata ċ-*charging station* peress li l-bankina mhix wisa` biżżejjed u m`hemmx elettriku 3 *phase* fl-akwati. Qed jissuġġerixxu li fil-post indikat isir stazzjoni mingħajr *charging station* u fi Triq il-Kbira ftit il`fuq minn Old Smugglers isir biċ-*charging station.* Il-Kunsill qabel unanimament.

50.3.4 Ħarġiet għall-Anzjani
Il-Kunsillier inkarigat mill-Ħarġiet għall-Anzjani, Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li l-ammont stabbilit fil-bidu tas-sena ta` €1,400 kważi intefaq kollu u għalhekk qed jitlob li jiġi allokat aktar fondi. Il-Kunsill qabel u ser tiġi diskussa aktar il`quddiem biex jiġi deċiż l-ammont li ser jiġi allokat.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.4.1.1 Rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan
Kif ġie mħabbar fil-Konferenza Stampa minn Dr. Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li saret nhar il-Ħamis 14 ta` Ġunju 2018, ix-xogħlijiet ta` rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan se jibdew minnufih minn din il-ġimgħa stess. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu t-twessiegħ parti mit-triq, bil-konsegwenza li ser jinqalgħu iż-żewġ siġriet tal-ficus. Il-Kunsill ġie nfurmat waqt il-Konferenza Stampa lix-xogħlijiet ser jibdew mit-Tnejn, 18 ta` Ġunju 2018.

50.4.1.2 Is-Sindku qal li minħabba raġunijiet ta` sigurta` dawn iż-żewġ siġriet iridu jinqalgħu bilfors. Is-Sindku tkellem mas-Sur Peter Calleja, espert ortikulturali, fejn infurmah li fil-każ ta` siġar tal-ficus, jekk il-proċess tal-qlugħ u tħawwil f`post ieħor isir kif suppost, hemm 95% ċans li dawn jiġu salvati. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Calleja bħala espert biex isegwi l-proċess kollu sabiex jiġu rilokati dawn iż-żewġ siġriet. L-ispiża għal dan is-servizz hija ta` €35 fis-siegħa. Il-proċess jieħu madwar 10

siegħat.

50.4.1.3 Is-Sindku ppropona wkoll, dejjem jekk possibbli, li s-siġar jiġu rilokati għal:

1. Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq Sir Antonio Micallef fejn kien hemm siġra qabel
2. Fir-*roundabout* fejn jarmaw fil-Milied fi Triq l-Għerusija

50.4.1.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li tkellem mal-Perit David Vassallo u qallu li dawn is-siġar hemm bżonn li jitneħħew minħabba s-sigurta` u għax kif ġejja mhux possibli li jiġu nkorporati.

50.4.1.5 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li l-fatt li bħala Kunsill ma rajnhiex pjanti ta` kif ġejja t-triq, diffiċli tikkummenta dwar il-fatt jekk is-siġar jistgħux jibqgħu jew le. Mingħajr pjanti, il-Kunsillier Daniel Muscat ma jistax ikun ċert jekk binja skedata li tinsab quddiem iċ-ċimiterju hix ser tintmess. Qal ukoll li, biex isir esproprjazzjoni suppost għandha ssir applikazzjoni mal-Planning Authority, peress li tkin ser tinbidel l-*alignment* tat-triq u din ma saritx. Għalhekk, qed jinsisti li l-ewwel irridu naraw il-pjanti. Qal ukoll li fir-raħal ma nistgħux naffordjaw li jkollna *bypass.*

50.4.1.6 Il-Kunsillier Joe Galea qal lir-rispons li ħa mingħand ir-residenti kien wieħed pożittiv. Qal ukoll, lin-nies qed joġġezzjonaw għax ġew imxewxa mill-Kunsillier Daniel Muscat. Dan il-proġett ilu biex isir għal dawn l-aħħar snin.

50.4.1.7 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li dan mhux vera għax hu kkummenta fuq Facebook wara li kien hemm ħafna nies li diġa` kienu qed joġġezzjonaw li jinqalgħu is-siġar u għalhekk in-nies mhux vera ġew imxewxa minnhu.

50.4.1.8 Ġie nnutat li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat fuq dan il-proġett. Il-Kunsill intalab biss jagħti l-approvazzjoni biex jinqalgħu s-siġar. Il-Kunsill ma kellux għażla għax jew jinqalgħu is-siġar biex issir it-triq jew it-triq tibqa` fl-istat li hi.

50.4.1.9 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li hu kontra li jinqalgħu dawn is-siġar, pero` jekk il-proposti tiegħu ma jiġux milqugħa, bl-ebda mod mhu se jwaqqaf il-proġett milli jsir.

50.4.1.10 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`, bħala minoranza qal, li huma favur dan il-proġett. Xtaqu lis-siġar kieku setgħu baqgħu hemm, pero` teknikament dan ma setgħax isir. Qal li dan il-proġett ilu mistenni u żgur li l-proġett m`għandux jitwaqqaf.

50.4.1.11 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li dawn is-siġar jistgħu jintużaw bħala *traffic calming measures* biex triq residenzjali ma ssirx tinbidilx f`*bypass* u jgħinu billi l-limitu ta` veloċita` jinżamm baxx.

50.4.1.12 Il-Viċi Sindku Andre` Grech issuġġerixxa lis-soluzzjoni biex jinżamm il-veloċita` baxxa hi li tiġi nstallata *speed camera.* Il-Kunsill qabel ma` dan u s-SE ser tibda l-proċess biex issir l-applikazzjoni neċessarja.

50.4.1.13 Il-Kunsill qabel lix-xogħol jibqa` għaddej. Is-SE qalet li dalgħodu stess talbet lill-Transport Malta l-pjanti tal-proġett u li kif tiċievihom ser tgħaddihom lill-Kunsilliera kollha għall-attenzjoni tagħhom.

50.4.1.14 Il-Kunsill approva li jinħatar is-Sur Peter Calleja bħala espert biex jimmonitorja l-proċess kollu, bl-ispiża tkun imħallsa mill-Kunsill. Il-proċess tal-qlugħ u tħawwil fil-post indikat mill-Kunsill aktar qabel (dejjem jekk dan possibbli) ser isir mill-ħaddiema tal-ELC u l-ispiża tiġi mtħallsa minn Tranpsort Malta. Ix-xogħol biex jiġu rilokati s-siġar se jibda minnufih.

50.4.2 <u>Talba għal *zebra cross* fi Triq il-Kbira fejn tal-Lottu</u>
Is-Sindku issuġġerixxa li ssir *zebra cross* fi Triq il-Kbira fejn tal-Lottu għax anzjani qed isibuha diffiċli biex jaqsmu t-triq. Wara li tagħlaq is-sejħa għall-offerti, il-Perit maħtur jiġi nfurmat biex jipprepara l-pjanti neċessarji biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal permess ma` Transport Malta.

## 50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

50.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

50.6.1 <u>*Tender for the Leasing of a light duty vehilce with low emissions* – BLC 01/2018</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for the leasing of a light duty vehicle with low emissions* – BLC 01/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

## 50.7 *One-Way* System fi Triq Ġużе` Bonniċi u toroq tal-madwar

50.7.1 Ġiet innutata l-petizzjoni mibgħuta minn Dr Mattia Felice f`isem diversi residenti li qed joġġezzjonaw għal *one-way system*.

50.7.2 Is-SE ltaqgħet mal-avukat tal-Kunsill biex tiddiskuti din il-petizzjoni. Hija kkonfermat li l-proċess adottat mill-Kunsill huwa legalment korrett peress lir-residenti ġew infurmati b'mod ċar bl-ittra li ntbagħtet fir-residenzi tal-erba` (4) toroq affetwati. L-avukat qalet li kull resident imniżżel fir-Reġistru Elettorali għandu għandu dritt għal vot u għalhekk issuġġeriet lid-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq l-ammont ta` residenti u mhux fuq l-ammont ta` residenzi.

50.7.3 Is-SE ħejjiet lista tar-residenti kollha mniżżla fl-aħħar Reġistru Elettorali ta` April 2018, fejn ġiet ddeterminat li hemm 198 votant eliġibbli. Minn dawn, 58 resident biss huma kontra din is-sistema. Dawn l-ammont jinkludi wkoll ir-residenti eliġibli li ffirmaw il-petizzjoni li waslet fil-21 ta` Mejju 2018, ferm wara l-perjodu ta` prova fejn il-Kunsill kien qed jieħu l-kummenti.

50.7.4 Rappreżentanata ta` dawk ir-residenti li iffirmaw il-petizzjoni, kienet preżenti waqt il-laqgħa. Hi baqgħet tinsisti li din is-sistema ma tagħmilx sens għax minn flok instabet soluzzjoni, inħloq impatt fuq diversi toroq. Il-Kunsill ta ċans lir-rappreżentanta tikkummenta dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

50.7.5 Il-Kunsill infurma lir-rappreżentanta li l-Kunsill se jikkunsidra soluzzjonijiet oħra għal toroq oħra biex tinħoloq sistema ħolistika biex jitnaqqsu vetturi li jgħaddu mill-qalba tar-raħal biex jevitaw it-traffiku.

50.7.6 Hekk kif ikkonfermat l-avukat tal-Kunsill li l-proċess adottat huwa legalment korret u la l-maġġoranza tar-residenti eliġibli huma favur, il-Kunsill unanimament qabel li din is-sistema għandha tibqa` b`mod permanenti.

50.7.8 Issa li s-sistema tal-*One-Way* ser tibqa`, resident issuġġerixxa li titpoġġa mera fi Triq Ġużе` Bonnici biex vetturi ħerġin minn Triq Wiġi Ebejer jaraw il-vetturi li jkunu ġejjin. Il-Kunsill approva u ser issir talba għal permess ma` Transport Malta.

F`dan il-ħin (10.10am) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fl-10.20am.

## 50.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

50.8.1 <u>Kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta` Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-Island Insurance Brokers Ltd għal kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta` Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu minn l-1 ta` Lulju 2018 sat-30 ta` Ġunju 2019. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta` Laferla Insurance Agency Limited taħt Mapfre Middlesea plc.

50.8.2.1 <u>Ħatra ta` Kumitat tal-Evalwazzjoni : *Tender for the Collection of Bulky Refuse using environmentally friendly transportation services* – BLC 04/2018 u *Tender for the Professional Services of an Architect and Civil Engineer* – BLC 03/2018</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill s-sejħa għall-offerti ta` dawn iż-żewġ sejħiet ġew maħruġa bis-sistema tal-

ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fid-19 ta` Ġunju 2018 u fit-2 ta` Lulju 2018 rispettivament.

50.8.2.2 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni għal dawn iż-żewġ sejħiet se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat
Evalwaturi: Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea.

50.8.2.3 Il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

50.8.3 <u>Sejħa għall-offerti għas-servizzi ta` *Contracts Manager*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizzi ta` *Contracts Manager*. Xogħlu jkun li jiżgura li l-kuntratturi li l-kuntratti tagħhom qed jiġu ġestiti mill-kuntrattur jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jirrispettaw il- Kuntratti rispettivi. Il-Kunsill approva u s-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

50.8.4.1 <u>Kwotazzjoni biex tiġi installata *bike rack station* b`roti li jistgħu jinkrew</u>
Is-SE flimkien mal-Kunsillier Daniel Muscat iltaqgħu mad-Direttur tal-kumpanija Nextbike Malta. Dan spjegalhom kif taħdem din is-sistema ta` *bicycle sharing* billi jiġu installati *stations* bir-roti f`diversi lokalitajiet. Dawn ir-roti jkunu jistgħu jinkrew biex persuni jmorru minn *station* għall-oħra.

50.8.4.2 Ġiet innutata l-kwotazzjoni mibgħuta minn din il-kumpanija (li hija l-unika kumpanija f`Malta li toffri dan is-servizz) biex tiġi installata li tammonta għal €4,009.64 biex tiġi installata *bick rack station* fil-pjazza. Id-Direttur qal li hemm skema maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi fejn il-Kunsill jista` japplika biex isir rimborż tal-ispiża kollha.

50.8.4.3 Il-Kunsill qabel ma` dan il-kunċett u jekk din tiġi introdotta l-Kunsill ikun qed jippromwovi l-użu tar-roti. Jekk ikun hemm il-konferma minn qabel li din l-ispiża ser tiġi rimborża kollha, il-Kunsill jaqbel li din il-*bike rack station* issir.

50.8.5 <u>Ċirkulari AKL 2018/057 - Laqgħa Plenarja</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/057 – Laqgħa Plenarja mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa ser jattendi l-Viċi Sindku Andre` Grech. Is-SE se tibgħat l-applikazzjoni flimkien mal-pagament ta` €68 minnufih.

50.8.6 <u>Talba għal permess biex jintrama *bar* fil-jiem tal-festa</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*barman* tal-Każin tal-Partit Laburista qed jitlob biex bħas-snin ta` qabel, il-Kunsill jagħtih permess biex jarma *bar* żgħir faċċata tal-Każin fil-jiem tal-festa. Il-Kunsill unanimament approva li jinħareġ il-permess bil-kundizzjonijiet tas-snin ta` qabel.

50.8.7 <u>*Animal Awareness Talk*</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, fejn qed jinfurmaw li qed jestendu l-ħidma tagħhom, billi jibgħatu uffiċjali fil-Kunsilli Lokali biex jagħtu preżentazzjoni lir-residenti dwar *Animal Awarness.*

50.8.8 <u>Talba għal laqgħa mal-Federazzjoni Maltija ta` Organizzazzjonijiet Persuni b`Diżabilita`</u>
Ġiet innutata ittra mibgħuta mill-Federazzjoni Maltija ta` Organizzazzjonijiet Persuni b`Diżabilita` fejn qed jitolbu li jiltaqgħu mal-Kunsillier inkarigat minn dan il-qasam. Il-Viċi Sindku Andre` Grech offra li jieħu dan il-qasam f`idu u jiltaqa` magħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

50.8.9 <u>Suġġerimenti fuq Triq Birbal</u>
Ġew innutati suġġerimenti mibgħuta minn residenta dwar Triq Birbal.

50.8.10 <u>Talba minn resident biex jagħmel bankina pavimentata fi Triq it-Tliet Knejjes</u>
Resident ta` dar nru. 50 qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill, f`ismu u f`isem il-ġar tiegħu b`residenza nru. 44 fi Triq it-Tliet Knejjes biex jagħmlu xogħlijiet ta` *trenching* fuq il-bankina biex jitneħħew il-*wires* minn mal-faċċata tad-djar tagħhom. Qed jitolbu wkoll li l-bankina ssir bil-*paving blocks* minn flok bil-konkos għas-spejjeż tagħhom. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jintuża l-istess disinn u l-istess tip ta` *paving blocks* li ntużaw fil-proġett tal-pjazza.

50.8.11 <u>Talba għal permessi tan-*No Parking* mill-lukanda Corinthia Palace</u>

Ġew innutati żewġ talbiet għal permessi tan-*No Parking* biex jiġi rriservat il-parkeġġ quddiem il-lukanda peress li se jkun hemm żewġ AGMs ta` żewġ kumpaniji differenti. Il-Kunsill qabel li f`każijiet ta` laqgħat / konferenzi li jiġu organizzati, joħroġ permess sa massimu ta` 3 *parking bays*, biex ikun konformi mal-*policy* dwar riservar ta` parkeġġ f`każijiet ta` tiġijiet jew funerali u b`hekk jitnaqqas inkonvenjent li jista` jinħoloq għar-residenti tal-madwar.

50.8.12 <u>*National Hearing Screening Initiative*</u>

Il-kumpanija OK Medical ser tkun qed tagħmel studju fuq bażi nazzjonali fuq is-smiegħ. Biex tagħmel dan ser tkun qed toffri testijiet tas-smiegħ b`xejn għar-residenti kollha. Fil-lokalita` ta` Ħal Balzan dawn it-testijiet se jsiru bejn it-Tnejn, 7 ta` Jannar 2019 u s-Sibt, 26 ta` Jannar 2018 bejn it-8.00am u l-4.00pm. Il-Kunsill irid jiprovdi post fejn jistgħu isiru dawn it-testijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li joffri dawn it-testijiet.

## 50.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

50.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 6/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €23,247.45.

50.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill- Viċi Sindku Andre` Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 50.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

50.10.1 Il-laqgħa ntemmet fil-10.50am.

50.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 10 ta` Lulju 2018 fid-9.00am.

Konfermati, illum it- Tlieta, 10 ta` Lulju 2018.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv